MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 261/2011

Kawza fil-lista: 22

**A B**
**vs**
**C D E, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Avukat Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Peter Paul Zammit nominati b' digriet tat-28 ta' Settembru 2011 bhala kuraturi nominati sabiex jirraprezentaw lill-minuri F li twieldet fil-21 ta' Settembru, 2009 permezz ta' digriet tas-27 ta' Marzu 2012 gie kjamat fil-kawza G H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu wara li ppremetta:-

1. Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru tas-sena 2009 twieldet il-minuri F;

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-konvenut C D E, fil-fatt il-minuri giet koncepita f'kors ta' relazzjoni extra-matrimonjali li l-esponent kellha wara s-separazzjoni *de facto* bejn l-esponenti u l-istess konvenut C D E;

3. illi fil-fatt l-esponenti u l-konvenut C D E ilhom separati de facto mit-22 ta' Dicembru, 2007 u sseparaw legalment fit-2 t'Ottubru, 2009;

Talab lil din il-Qorti :

a) tiddikjara li l-konvenut C D E m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F li twieldet fil-21 ta' Settembru, 2009 u tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa l-kjamat fil-kawza G H;

b) Tordna l-korrezjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri F billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnattati relattivi ghal missier il-minuri tikkancella d-dettalji tal-intimat C D E u tissostitwihom bil-kliem G H u l-konnotati kollha tieghu.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Settembru 2011 li permezz tieghu innominat lill-Avukat Dr Renzo Porsella Flores u lil prokuratur legali Peter Paul Zammit bhala kuraturi deputati sabaiex jirraprezentaw lill-minuri;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ Novembru 2012 li permezz tieghu emendat it-tieni talba attrici fis-sens li l-kliem “missier mhux maghruf” gew kancellati u sostitwiti bil-kliem “G H u l-konnotati kollha tieghu”..

Rat ir-risposta ta' C D E li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi huwa m'huwiex il-missier ta' F;

2. Illi huwa kien *de facto* separat minn A sa minn Dicembru 2007 u ghalhekk F qatt ma setghet tkun bintu;

3. Illi F tnizzlet fir-Registru Pubbliku bhala bintu kontra r-rieda teighu u minghajr il-kunsens tieghu;

4. Illi huwa jrid li ma jibqax jidher bhala missier l-imsemmija F;

5. Illi huwa m'ghandux jidhol fl-ebda spejjez minhabba l-izbalji ta' A;

Rat in-nota tal-kjamat in kawza G H tat-12 ta’ Novembru 2012 li permezz taghha ammetta li huwa l-missier naturali tal-minuri.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn espona:

1. Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva li, din l-azzjoni, stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri F, kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77c tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri F, tinkiseb l-awtorizzazjoni mill-istess Qorti ghal-prosediment tal-azzjoni odjerna;

2. Illi dejjem in vena preliminari, l-esponent jirrileva li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri F, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

3. Illi madankollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtiegilha illi tipprova l-impossibilita fizika tal-kongungiment bejnha u bejn zewgha C D E u dan tul il-perjodu li jispecifika l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri F ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghha bin-numru ta' iskrizzjoni 3258 tas-sena 2009;

5. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati l-eccezzjonijiet fuq l'imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri F, li r-rikorrenti tispecifika minn huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ha titlef l-istat ta' bint imwielda u mnissla fiz-zwieg talanqas ghandja tkun taf min huwa l-missier naturali taghha;

6. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi;

Rat id-digriet taghha ta' 7 ta' Frar 2012 li permezz tieghu ordnat li l-attrici tindika l-isem tar-ragel li mieghu kellha l-imsemmija relazzjoni, u dan sabiex jigi kjamat fil-kawza, ai termini ta' l-artikolu 77B tal- Kap 16;

Rat l-affidavits kollha inkluzi dik ta' G H li jikkonferma li huwa l-missier naturali ta' F E;

Rat ir-rapporti xjentifici tad-DNA prezentati mill-ispizzjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidats prezentat mill-attrici u mill-missier naturali u xhieda viva voce.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu il-konvenut Direttur eccepixxa illi din l-azzjoni, stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri F, kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77c tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri F, tinkiseb l-awtorizzazjoni mill-istess Qorti ghal-procediment tal-azzjoni odjerna;

Dak eccepiet mill-konvenut Direttur huwa proceduralment korrett. Dak li jitlob l-artikolu 77C huwa intiz sabiex jaghti protezzjoni lill-minuri f'kaz li c-cirkostanzi jkunu tali li jkun fl-interess tal-minuri li l-istat li jkun akkwista ma jigiex disturbat gialadarba ma jkunux ittiehdu passi fis-sitt xhur wara t-twelid. Fic-cirkostanzi partikolari pero' ma jirrizultax li dawn il-proceuduri jistghu ikunu ta' detriment ghall-minuri. Ghall-kuntrarju bil-mod kif it-talbiet attrici gew emendati ser ikun ghall-ahjar interess tal-minuri li l-veru missier naturali jigi inserit fic-certifikat tat-twelid tal-minuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti sejra tipprocedi bit-trattazzjoni tal-kawza fl-assenza ta' rikors ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna kif emendata bid-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Novembru 2012, l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla F li twieldet fil-21 ta' Settembru 2009 u li fl-att tat-twelid taghha numru 3258/2009 giet registrata bhala bint il-konvenut C D E hija fil-fatt bint il-kjamat fil-kawza G H.

**PROVI**

Illi mill-provi jirrizulta provat li l-attrici, f'Lulju 2008, bdiet relazzjoni ta' tmien xhur mal-kjamat fil-kawza u ghexet mieghu ghal sitt xhur. B'rizultat ta' din ir-relazzjoni twieldet tifla fil-21 ta' Settembru 2009 li inghatat l-isem ta' F. Peress li l-attrici kienet ghadha tidher bhala mart il-konvenut C D (isseparaw legalment fid-2 ta' Ottubru 2009) it-tarbija kellha tigi registrata fl-att tat-twelid, bhala bint C D E. L-attrici tghid li ma kien hemm l-ebda kuntatt ma' C D hlief waqt il-proceduri legali u fil-fatt l-analista Dr Marisa Cassar taht gurament ezebit *id-DNA Paternity Test Report* rilaxxjat minnha stess, li iccertifika li l-missier naturali tal-minuri huwa l-kjamat in kawza H.

Dan jaqbel mal-ammissjoni ta’ H kif registrata f’dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet**

Jirrizulta li l-azzjoni odjerna ghandha l-fondament legali taghha fit-termini tal-artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

*'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita' kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' wkoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u t-tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi ddikjarata bhala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'*

Una volta l-azzjoni promossa mill-attrici hija ntiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-dikjarazzjoni ta' paternita twassal ghal kreazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.

Sabiex azzjoni imsejsa fuq l-artikolu 77B fuq citat tirnexxi illi jigu sodisfatti is-segwenti tlett rekwiziti:-

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) ir-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.

2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bein it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid hija kienet qettqet adulterju ma' dik il-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala l-missier naturali tal-wild.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.

Mill-atti jirrizulta li t-tlett rekwqiziti huma sodisfatti.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

a) tiddikjara li l-konvenut C D E m'huwiex il-missier naturali tal-minuri F li twieldet fil-21 ta' Settembru, 2009 u tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri huwa l-kjamat fil-kawza G H;

b) Tordna l-korrezjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri F billi fil-kolonni fejn hemm indikat il-konnotati relativi ghal missier il-minuri, jigu kancellati l-isem u l-konnotati tal-konvenut C D E u u minflok jitnizzlu l-isem u l-konnotati tal-kjamat in kawza G H.

Bl-ispejjez kontra l-attrici u l-kjamat in kawza G H.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------